**Nru. 1267**

**ĦATRA TA’ AĠENT SKRIVAN TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI**

L-ISKRIVAN tal-Kamra tad-Deputati approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

**No. 1267**

**APPOINTMENT OF ACTING CLERK TO THE HOUSE OF REPRESENTATIVES**

THE Clerk to the House of Representatives has approved the following temporary appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Ms Pauline Abela | Aġent Skrivan tal-Kamra<br>*Acting Clerk to the House* | Kamra tad-Deputati<br>*House of Representatives* | 18-28.12.2012 |

Il-21 ta’ Diċembru, 2012

21st December, 2012

**Nru. 1268**

**ĦATRA TA’ AĠENT DIRETTUR GVERN LOKALI**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Intern, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

**No. 1268**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR LOCAL GOVERNMENT**

THE Permanent Secretary within the Ministry for Home Affairs has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POŻIZZJONI<br>*POSITION* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Silvio Frendo | Aġent Direttur<br>*Acting Director* | Gvern Lokali<br>*Local Government* | 18 - 23.12.2012 |

Il-21 ta’ Diċembru, 2012

21st December, 2012

**Nru. 1269**

**FUNZJONIJIET TAL-POST TA’ DIRETTUR ĠENERALI**

B’RIFERENZA għall-Avviż Legali Nru 346 tas-16 ta’ Ottubru 2012, kif ukoll għall-Avviż Legali Nru 434 tal-10 ta’ Diċembru, 2012, ngħarrfu b’din għall-informazzjoni ta’ kulħadd illi s-Sur Iman Schembri, Direttur Ġenerali (Proprjetà tal-Gvern) assuma wkoll id-dmirijiet u funzjonijiet ta’ Kummissarju tal-Artijiet b’seħħ mit-3 ta’ Diċembru, 2012.

Il-21 ta’ Diċembru, 2012

**No. 1269**

**FUNCTIONS OF THE POST OF DIRECTOR GENERAL**

WITH reference to Legal Notice No. 346 of the 16th October 2012, and also to Legal Notice No. 434 of the 10th December, 2012, it is hereby notified for general information that Mr Iman Schembri, Director General (Government Property) has also assumed the duties and functions of Commissioner of Land with effect from 3rd December, 2012.

21st December, 2012

**Nru. 1270**

**L-AWTORITÀ TA’ MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat**

Bi qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114

**No. 1270**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Notification of Exemption of Environmental Planning Statement**

In conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007),

tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ikkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: TRK. 144863
Post: Sit f'Triq il-Biċċerija kantuniera ma' Triq it-Taflija, Ix-Xewkija, Għawdex
Proposta: Tneħħija tal-garaxxijiet approvati f'PA7952/06, installazzjoni ta' magna tat-tqattigħ tal-ġebel/irħam b'saqaf sovrastanti u rfid kif ukoll addizzjonijiet u alterazzjonijiet.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fil-15 ta' Ottubru, 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fil-15 ta' Novembru, 2012.

and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK. 144863
Location: Site at Triq il-Biċċerija c/w Triq it-Taflija, Xewkija, Gozo
Proposal: To remove garages approved in PA 7952/06, install a stone/marble cutting machine with overlying roof and gantry and carry out additions and alterations

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 15th October, 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 15th November, 2012.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jitaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ħolqien ta' skart | Il-proġett se jiġġenera l-iskart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, l-iskart inert se jiġi ġġenerat fi kwantitajiet aktarx minimi. Waqt l-operat, l-iskart se jinkludi: (i) ramel oħxon, ċangaturi mkissrin u laqx; (ii) tajn u ħama, (iii) plastik u njam (iv) skart muniċipali mill-uffiċċju, u (v) drenaġġ u *grey water* (mit-*toilets* u doxox). Xi skartijiet, l-iktar il-laqx tal-irħam u t-tajn, se jintużaw mill-ġdid fil-produzzjoni ta' *bricks* tal-konkos kif ukoll għall-manifattura ta' tip ta' madum partikolari. Skart ieħor iġġenerat jista' jiġi indirizzat permezz ta' permess tal-operat. Ebda materjal/skart perikoluż mhu se jiġi ġġenerat, la matul il-kostruzzjoni u lanqas waqt l-operat. |
| *Waste generation* | *The project will generate waste during both construction and operation. Inert waste generated during the construction phase is likely to be minimal. During operation, the waste will include: (i) gravel, broken slabs and chips; (ii) slurry and sludge, (iii) plastic and wood (iv) municipal waste from the office, and (v) sewage and grey water (from the toilets and showers). Some wastes, namely the marble chips and slurry will be reutilised in the production of concrete bricks and also manufacturing of a particular nature of tile products. Other waste generated can be addressed through an operational permit. No hazardous material/waste will be generated during both construction and operation.* |
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja | Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet mit-tindif u t-tħaffir tas-sit, u li se jkun hemm xi ħruġ ta' NOx mill-inġenji. Madankollu, l-ebda impatt sinjifikattiv m'hu mistenni dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 tal-2007) jiġu osservati. Waqt l-operat, se jinħolqu trabijiet u ħruġ ta' NOx matul il-proċess |

| | |
|---|---|
| | tat-tqattigħ tal-irħam u mit-traffiku operattiv. It-tqanqil ta' trabijiet waqt it-tqattigħ tal-irħam jistgħu jitnaqqsu biżżejjed permezz ta' ddisinjar xieraq tal-impjant *(wet medium cutting process* u magni mgħottija), ġestjoni xierqa tal-iskart u miżuri oħra li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' permess tal-operat. |
| *Impact on air quality* | *During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and NOx emissions from construction vehicles are expected. However, no significant impact is envisaged as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. During operation, dust will be generated during the marble cutting process and from operational traffic. Dust generation during the marble cutting can be sufficiently abated through proper plant design (wet medium cutting process and machines located under cover), adequate waste management and other measures which could be managed through an operational permit.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Matul l-operat, l-istorbju u l-vibrazzjoni huma mistennija mill-*jaw crusher* u mill-magni oħra għall-produzzjoni tal-irħam. Madankollu, dawn mhux se jippreżentaw l-ebda impatt partikolari meta mqabbel mas-sitwazzjoni li diġà teżisti fil-madwar. Barra minn hekk, dan l-impatt jista' jittaffa biżżejjed permezz ta' ddisinjar tal-impjant kif suppost u b'miżuri li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' permess tal-operat. |
| *Noise and vibrations* | *Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operations, noise and vibration are expected from the jaw crusher and various other machines for the production of marble. However, these will not present any particular impact over and above the currently existing situation in the surrounding area. Furthermore, such impact can be mitigated sufficiently through proper plant design and through measures which could be managed by means of an operational permit.* |
| Impatti fuq il-wirt kulturali | Għalkemm is-sit diġà żviluppat u jinsab f'żona industrijali, hemm il-possibbiltà li jistgħu jinstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi u b'hekk tinħtieġ konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali speċjalment dwar monitoraġġ tax-xogħlijiet. |
| *Impact on cultural heritage* | *Although the site is already committed for such use and lies within an industrial area, there is a possibility of archaeological remains being uncovered and thus consultation with the Superintendence of Cultural Heritage (SCH) is required especially regarding monitoring of works.* |
| Impatt permezz ta' dawl | Huma mistennija aktar emissjonijiet ta' dawl matul il-lejl, meta mqabbla mas-sitwazzjoni li diġà teżisti. Madankollu, dawn jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' *'down lighters',* u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal-livelli minimi. |
| *Light pollution* | *Light emissions above the current baseline situation are expected during night time.. Nevertheless, these may be reduced with the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.* |
| Impatt viżiv | Il-post hu mdawwar minn żona industrijali u huwa parzjalment imdawwar b'ħitan għoljin. Xi strutturi se jkunu viżibbli mit-triq matul il-ħajt li jdawwar in-nofsinhar tas-sit u għaldaqstant qed jiġi propost *landscaping* tul dan il-perimetru. |
| *Visual Impact* | *The site is surrounded by an industrial area and is partly surrounded by high walls. Some structures will be visible from the road running along the southern perimeter wall and therefore landscaping is being proposed along this perimeter.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni

Il-21 ta' Diċembru, 2012

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

21st December, 2012